MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Numru 85/2014

**Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**CONCETTA CHARLES**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **CONCETTA CHARLES,** ta' 55 sena bint Serafin u Maria nee Busuttil, imwielda Hal Safi fil-21 ta' Dicembru, 1958 u toqghod f'4, Santa Rita, Triq Gwann Zammit, Safi u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 811758(M) giet mressqa quddiemha u akkuzata talli fis-sena 2006, f'dawn il-Gzejjer:

1. Approprjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilha minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju ghad-dannu ta' Carmelo u Catherine konjugi Mifsud, b'valur li jeccedi l-€2,329.37.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputata, fedina penali u stqarrija.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 25 ta' April, 2014.

Illi nhar l-1 ta' Lulju 2014 dehru l-allegat vittmi Carmelo u Catherinu konjugi Mifsud li ddikjaraw li huma qeghdin jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat u jiddikjaraw ulterjorment illi m'ghandhom l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputata.

Id-Difiza qed tezenta lill-Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq kull prova ohra dwar ir-rapport tal-kwerelanti u tar-rifjut tal-jedd ghall-parir legali u dwar il-volontarjeta tal-istqarrija maghmula mill-imputata.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, <u>il-Qorti tiddikjara stante ir-rinunzja tal-parte civile l-procediment ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.</u>**

**<u>Il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti kollha tal-process jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.</u>**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------